

## **Mistoqsija għal tweġiba orali O-000139/2015**

### **lill-Kummissjoni**

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**Emma McClarkin, Ashley Fox, Vicky Ford, Evžen Tošenovský**

f'isem il-Grupp ECR

Suġġett: Is-sitwazzjoni fis-settur tal-azzar

L-industrija Ewropea tal-azzar ilha taħt pressjoni bħal qatt qabel mill-kollass finanzjarju tal-2008 'l hawn, u s-sensji fuq skala kbira kienu fuq quddiem nett fid-dibattitu politiku madwar l-Ewropa matul dawn l-añhar ġimgħat. Il-konsum Ewropew għadu madwar 25 % aktar baxx milli kien qabel il-kriżi, filwaqt li t-tnaqqis fid-domanda kompliet tiggrava minħabba sfidi globali usa' li issa qegħdin iġibu lill-industrija f'pożizzjoni prekarja.

Filwaqt li l-pressjonijiet fuq l-industrija tal-azzar huma msejsa fuq għadd ta' fatturi differenti, bħalma huma s-saħħa relattiva tal-valuti Ewropej u l-prezzijiet għolja tal-enerġija, ma nistgħux ninjoraw il-fatt li l-industrija qed tħabbat wiċċha ma' kompetizzjoni żleali u mgħiba antikompetittiva fis-suq. B'riżultat tat-tnaqqis fil-konsum domestiku, l-esportazzjonijiet tal-azzar miċ-Ċina żdiedu bi 28 % fl-ewwel sitt xhur tal-2015, b'tali mod li mlew is-suq dinji b'azzar li ta' spiss jinbigħ barra mill-pajjiż bit-telf. Dan qiegħed jiddestabilizza s-suq globali tal-azzar u l-fluss tal-kummerċ b'mod drammatiku, u b'hekk qed jipperikola l-manifattura Ewropea tal-azzar kollha kemm hi, industrija li tirrappreżenta 330 000 impjeg.

Minbarra dawn id-diffikultajiet, l-eżistenza ta' limitu massimu fuq l-ammont ta' kumpens li l-gvernijiet jistgħu jipprovdu għall-kostijiet indiretti tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) — li l-ġeneraturi tal-elettriku jgħadduhom lill-klijenti fil-prezzijiet — tfisser li impjanti tal-azzar qed iħallsu wkoll proporzjon tal-kostijiet tal-ETS assoċjati ma' kull enerġija elettrika li jixtru.

- Il-Kummissjoni qiegħda tissorvelja mill-qrib il-miżuri anti-dumping eżistenti rigward iċ-Ċina, bil-ħsieb li jiġu estiżi jekk jingħata prova ta' dumping fuq skala kbira u ta' mgħiba antikompetittiva?
- Il-Kummissjoni kellha kuntatt dirett mal-Gvern Ċiniż bil-għan li tinstab soluzzjoni bonarja għal din il-kwistjoni?
- Il-Kummissjoni tista' teżamina b'urġenza kif tista' tiġi permessa approvazzjoni ħafna aktar rapida għall-għajjnuna mill-istat lill-industriji li jużaw ħafna enerġija sabiex tgħinjom jikkumpensaw għall-forom ta' pressjoni addizzjonali msemmija hawn fuq?
- Il-Kummissjoni tħoss li l-qafas eżistenti tal-għajjnuna mill-istat huwa b'saħħtu biżżejjed biex ilaħħaq mal-kwistjonijiet li s-settur tal-azzar fl-UE qed iħabbat wiċċu magħhom illum? L-Istati Membri jeħtieġu gwida mtejbja dwar x'tip ta' intervent jista' jkun permess?

Imressqa: 5.11.2015

Mgħoddija: 9.11.2015

L-iskadenza għat-tweġiba: 16.11.2015